**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 29 ta' Ottubru 2001.

Pulizija
Spettur Abraham Zammit

Vs

Jason Zammit.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jason Zammit ta' 25 sena, bin Anthony u Annunziata nee' Agius imwieled Pieta' fit-22 ta' Novembru 1974 joqghod numru 44, Triq is-Sultana, Rahal Gdid u detentur ta' karta tal-identita' b'numru 557874(M);

Talli bejn ix-xhur ta' Jannar 1997 u April 1997 ikkommetta serq ta' vettura li ggib in-numru ta' registrazzjoni GAD 823, ta' ghamla Ford Escort, li l-valur taghha jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000) ghad-dannu Kevin u Patrick Cardona, liema serq aggravat bil-valur, hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli, fl-istess perjodu u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwista b'reat, sew jekk dan sar Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew biex imexxihom.

Wara li rat l-Artikoli 261 et (b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279, 334;

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuza kontra l-imputat, mill-Prosekuzzjoni hija wahda ta' serq ta' vettura Ford Escort numru ta' registrazzjoni GAD 823, minn Rahal Gdid bejn ix-xhur ta' Jannar u April 1997 ghad-detriment ta' Kevin u Patrick Cardona.

Illi l-imputat ittella' jiffaccja din l-akkuza stante illi huwa kien biegh sett ta' rimijiet u tyres lil certu vulcanizer Joseph Fenech liema rimijiet u tyres gew rikonoxxuti minn Kevin Cardona, bhala tieghu, liema rimijiet u tyres kienu imwahhla fuq vettura tal-marka Ford Escort, numru ta' registrazzjoni GAD 823, liema vettura kienet insterqet minn gewwa Sister Street, Paola fit-8 ta' Jannar 1998 ghall-habta tas-6.00am.

Illi, minbarra l-fatt illi din l-akkuza ta' serq ma' tistax issehh jew tirrizulta u dan il-ghaliex:

1) Waqt l-akkuza tal-Prosekuzzjoni migjuba kontra l-imputat hija l-vettura insterqet fis-sena 1997, bejn Jannar u April ta' din is-sena, l-okkorrenza originali ta' l-incident kif ukoll ix-xhiedata' l-Ispettur Abram Zammit jindikaw it-8 ta' jannar 1998 bhala d-data ta' kommissjoni ta' dan ir-reat u;

2) Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' l-Ispetturi Abraham Zammit u Emmanuel Camilleri, Kevin u Patrick Cardona, is-sidien tal-vettura misruqa, Joseph Fenech il-vulcanizer, PS 1382 Joseph Agius u PC 915 Joseph Abela, ix-xhieda tar-rapport tas-serqa u ta' l-elevazzjoni tat-tyres rispettivament ma' jirnexxux li joholqu "nexus"bejn l-imputat u s-serq "de quo" tant li l-imputat ghandu jinstab hati ta' din is-serqa.

Illi l-fatt illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu t-tyres posittivament identifikati minn sidhom ma' jfissirx, necessarjament illi l-imputat kien

il-bniedem illi fisikament seraq din il-vettura minn geww Sisters' Street, Paola. Din tirrikjedi prova oltre' kull dubbju xieraq, liema prova ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni jew almenu prova sal-grad ta' konvinciment morali tal-Qorti tal-htija tal-imputat.

Illi, kull ma' rnexxielha tipprova l-Qorti hija "nexus" jew konnessjoni ta'l-imputat ma' din is-serqa tramite l-pussess tar-rimmijiet u tyres posittivament identifikati li, allura, twassal ghall-fatt illi l-imputat, kif del resto u li fatt, ghamel, kellu relazzjoni (f'dan l-istadju) ambigwa ma' min fil-att, wettaq din is-serqa jew, almenu, persuna qrib ghal min, fil-fatt, seraq.

Illi din ir-relazzjoni, bejn l-imputat u min seraq, jew almenu, ma' persuna qrib taghha, hija relazzjoni kriminali u, minhabba fiha, l-imputat ghandu jinstab hati ta' ricettazzjoni a tenur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali. Dan il-ghaliex din il-Qorti ghandha konvincement morali dwar il-htija tal-imputat u dan ghall-zewg ragunijiet principali u cioe';

i) Illi l-imputat inghata zmien eccessiv mill-Ispettur Zammit sabiex identifika u jikxef il-persuna illi, skond hu, bieghhlu t-tyres u rimijiet. Skond l-imputat, din il-persuna kienet tkun ta' sikwiet fost il-folla ta' nies li, nhar ta' Hadd, jiffollaw Hal Far, sabiex jaraw is-sewqan ta' vetturi. Jigifieri, din kienet persuna illi, normalment u sikwiet kienet tattendi ghal dawn it-tlielaq tant li trabbiet kunfidenza sufficjenti li jersaq lejn l-imputat u joffrilhu li jbieghhlu dawn ir-rimijiet u tyres bi prezz, redikolament, baxx.

ii) Illi l-prezz li l-imputat qal li xtara dawn ir-rimijiet u tyres tant kien redikolament baxx illi huwa impossibbli illi l-imputat ma' ssospettax bil-gbir dwar il-provenjenza llegali taghhom. Prezzhom fuq is-suq normali huwa maghruf tant illi l-imputat stess bieghhom lil Joseph Fenech bl-ammont ta' mitejn lira maltin (Lm200) wara li qal illi huwa xtrahom bil-prezz ta' mija u tletin lira maltin (Lm130).

Ili dawn iz-zewg ragunijiet li wasslu lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali illi l-imputat kien jaf illi dawn ir-rimijiet u tyres kienu rifurtiva u cioe' irregolari u, ghalhekk, ghandhu jinstab hati ta' ricettazzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti wara illi rat il-fedina penali tal-imputat, u wara illi hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat illum mizzewweg b'zewgt itfal u qieghed jahdem Santa Katarina Development Ltd, kif ukoll li hallas lura l-ammont ta' mitejn lira maltin (Lm200) lil Joseph Fenech, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.